# L-Antifona: *Joseph Fili David* ta' Mro Carlo Diacono tagħlaq 100 sena

Anthony Casha

Din is-sena jaħbat għeluq il-mitt sena minn meta Mro Carlo Diacono (1876-1942) ikkompona fis-27 ta' Lulju tal-1919, l-Antifona: *Joseph Fili David*. Antifona melodjuża u armonjuża li tindaqq lejlet u nhar il-Festa ta' San Ġużepp, fil-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù fir-Rabat tal-Imdina.

Antifona li għandha l-kliem meħud mill-Evanġelju ta' San Mattew 1:16.18-21.24a. Meta dan l-Evanġelista jirrakonta l-ġrajja tal-ħolma li kellu San Ġużepp meta kien qed jaħsibha biex jibgħat lil martu Marija bil-moħbi tan-nies peress li wara li tgħarrset miegħu, qabel ma marru joqogħdu flimkien, saret omm bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu.

Il-kliem tal-Antifona huwa dan:
*Joseph, fili David,*
*noli timere accipere Mariam*
*conjugem tuam*
*quod enim in ea natum est*
*de Spiritu Sancto est.*

*Ġużeppi, bin David,*
*xejn la tibża' tieħu għandek lil martek Marija,*
*għax dak li tnissel fiha*
*ġej mill-Ispirtu s-Santu.*



*Il-qoxra tal-partitura oriġinali tal-Antifona "Joseph Fili David" li kiteb Mro. Carlo Diacono fis-27 ta' Lulju 1919 (ħajr lil Mro. Ray Sciberras)*

Din l-Antifona Mro Carlo Diacono kien ikkomponija minħabba l-fatt li kien riesaq iż-żmien biex jiġi ċċelebrat għeluq il-50 Anniversarju mill-proklamazzjoni ta' San Ġużepp bħala Patrun tal-Knisja Universali. Anniversarju li kien ġiet iċ-ċelebrat kif jixraq b'pompa kbira fl-1920. Fil-fatt kienet ġiet esegwita għall-ewwel darba f'Marzu ta' dik l-istess sena f'waħda fiċ-ċelebrazzjonjiet li organizzat l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp fl-istess knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, biex jitfakkar dan l-anniversarju[1].

Bla dubju ta' xejn din hija waħda mill-isbaħ u mill-aqwa antifoni għall-vuċijiet u orkestra li qatt ikkompona Carlo Diacono u li ilha tindaqq għal dawn il-mitt sena fil-jiem tal-Festa ta' San Ġużepp fil-knisja msemmija.

## L-introduzzjoni tal-Mużika ta' Mro Carlo Diacono fil-Festa ta' San Ġużepp

B'mod partikolari għal din il-Festa, l-ewwel ma' kkompona kien l-innu *Te Joseph Celebrent*, li dan qabel kien jitkanta fl-Għasar qabel il-Magnificat. Dan kien ġie kompost minnhu fl-24 ta' Lulju 1918, u ġie esegwit sena wara lejlet il-Festa ta' San Ġużepp, nhar it-18 ta' Marzu 1919. Sentejn wara reġa' kkompona innu ieħor bl-istees isem:



*L-ewwel paġna tal-partitura oriġinali tal-Antifona (ħajr lil Mro Ray Sciberras)*

*Te Joseph Celebrent*, li sal-lum għadu jitkanta fil-bidu tal-Għasar ta' lejlet il-Festa. Dan kien ġie kompost minn Mro Diacono stess fl-14 ta' Marzu 1921, u ġie esegwit għall-ewwel darba erbat ijiem wara, jiġifieri lejlet il-Festa ta' dik l-istess sena.

Ġara li għall-Festa ta' San Ġużepp tad-19 ta' Marzu 1921 kellu jidderieġi l-mużika lejlet u nhar il-Festa l-Mro Emmanuele Bartoli (1852-1932). Iżda minħabba li f'dawk il-ġranet kellu jkun Għawdex ma aċċettax li jidderieġi l-mużika minħabba li kien ta' skomdu kbir għalih u għalhekk kien informa lill-Uffiċjali tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp biex jigi eżentat mid-direzzjoni mużikali fil-jiem imsemmija.



*Mro Carlo Diacono (1876-1942)*

Għalhekk il-Fratelli preżenti fil-Konsulta tat-13 ta' Frar 1921, aċċettaw ix-xewqa ta' Mro Emmanuele Bartoli biex għal dik is-sena ma jiddereġix il-mużika msemmija lejlet u nhar il-Festa. Fil-fatt naraw li kienu qabdu lis-Segretarju tal-Arċikonfraternità ta' dak iż-żmien, li kien ir-Rev. Dun Ġużepp Tonna biex jagħtih ir-risposta.

Għalhekk fl-istess Konsulta kienu ġew proposti żewġ surmastrijiet oħra biex jidderieġu l-mużika lejlet u nhar il-Festa ta' San Ġużepp minflok is-Surmast Bartoli. Dawn kienu: Mro Carlo Diacono (1876-1942) u Mro Giuseppe Caruana (1880-1931). Żewġ surmastrijiet popolari u mill-aqwa li kien hawn dak iż-żmien f'pajjiżna. Ir-Rettur tal-istess Arċikonfraternità ta' dak iż-żmien li kien il-Kanonku Dun Vinċenż Vella, ippropona li ssir votazzjoni kif fil-fatt sar fost il-Fratelli preżenti, bir-riżultat li Mro Carlo Diacono ġab 26 vot filwaqt li Mro Giuseppe Caruana ġab 4 voti u għalhekk għal dik is-sena l-mużika ġiet f'data f'idejn id-direzzjoni ta' Mro Carlo Diacono[2].

Is-sena ta' wara nsibu li fil-Konsulta li kienet saret fit-12 ta' Frar 1922, ir-Rev. Dun Ġużepp Azzopardi li kien jokkupa l-kariga ta' Prokuratur tal-Festa Interna, kien talab lill-Uffiċjali u lill-Fratelli preżenti lil min ser tiġi mogħtija d-direzzjoni mużikali lejlet u nhar il-Festa ta' San Ġużepp għal dik is-sena, fejn il-Fratelli preżenti riedu li din terġa' tiġi mogħtija lil Mro Carlo Diacono peress li s-sena ta' qabel kien issoddisfa lil kulħadd[3].

Fil-fatt minn dak iż-żmien 'il quddiem ta' kull sena l-mużika lejlet u nhar il-Festa beda jidderiġiha Mro Carlo Diacono. Filwaqt li dik tal-jiem tat-Tridu kienet tiġi diretta minn Mro Lorenzo Gatt (1856-1926)[4]. Iżda nsibu wkoll li lejn nofs is-seklu 20, il-mużika ta' Mro Carlo Diacono kienet ukoll tindaqq fil-jiem tat-tridu tal-Festa ta' San Ġużepp, minn ibnu Mro Frankie Diacono (1914-2000).

## Kompożizzjoniet Mużikali oħra ta' Mro Carlo Diacono fil-jiem tal-Festa ta' San Ġużepp

Mro Diacono kien ikkompona Antifona oħra ta' San Ġużepp li ġġib l-istess isem: *Joseph Fili David*, li oriġinalment kien ikkomponiha għall-Festa titulari tal-istess Qaddis, li ssir fil-knisja parrokkjali tal-Kalkara. Din bdiet ukoll tindaqq fil-jiem tat-tridu tal-Festa ta' San Ġużepp fir-Rabat, minn ibnu Mro Frankie Diacono meta beda jidderieġi l-mużika fil-jiem tal-Festa msemmija minflok missieru Carlo.

Kompożizzjoni mużikali oħra ta' Mro Carlo Diacono li tindaqq fil-jiem tal-Festa ta' San Ġużepp fir-Rabat, huwa l-Innu Popolari *Lil Ġużeppi ejjew faħħru*. Dan l-innu ġie kompost minn Diacono stess għal din il-Festa fit-8 ta' Frar 1937, fejn kien indaqq għall-ewwel darba fil-Festa tas-sena ta' wara 1938. Dan l-innu huwa mużikat fuq il-kliem tal-Poeta Prof. Patri Anastasju Cuschieri O.Carm. (1876-1962)[5].

Fost il-ħafna mużika li Mro Diacono kkompona għal din il-Festa, insibu l-innu tal-istrofi li kien jindaqq fil-jiem tat-Tridu *Quicuque sanus Vivere*. Innu ieħor *Te Joseph Celebrent* li għadu jindaqq fil-bidu tat-Tieni Għasar f'Jum is-Solennità ta' San Ġużepp filgħaxija. Insibu wkoll li kompona għadd ta' Salmi bħalma huwa s-salm *Justus ut palma Florebit* u l-famuż salm *Beatus Vir*, li għadhom jindaqqu sal-lum. Mro Carlo Diacono kien ukoll ikkompona l-mużika għall-Litanija ta' San Ġużepp, li din qatt ma' ġiet esegwita, iżda wara li nstabet riċentament, fuq inizjattiva tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, din ġiet esegwita għall-ewwel darba lejlet il-Festa ta' San Ġużepp, fit-18 ta' Marzu 2015, fit-tmien l-Għasar Solenni fil-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù.

Wara li Mro Carlo Diacono ma baqax jidderieġi aktar il-mużika tiegħu fil-jiem tal-Festa ta' San Ġużepp, għal snin twal din baqgħet xorta waħda tindaqq taħt id-direzzjoni tat-tifel tiegħu Mro Frankie Diacono sal-1978. Wara waqfa ta' għaxar snin, fl-1989 reġgħet ġiet introdotta l-mużika ta' Diacono fl-lejlet u f'nhar il-Festa ta' San Ġużepp taħt id-direzzjoni tal-istess Mro Frankie Diacono. Fl-1994 il-mużika tal-Cappella Diacono bdiet tiġi esegwita fl-istess jiem ta' lejlet u nhar il-Festa ta' San Ġużepp, din id-darba taħt id-direzzjoni ta' Mro Mons. Dun Ġwann Galea u dan sakemm ir-riżenja minn Surmast tal-Cappella Diacono sas-sena 2015,

fejn mis-sena ta' wara 2016 il-Mużika tal-Cappella Diacono fil-jiem tal-Festa ta' San Ġużepp bdiet tiġi diretta minn Mro Ray Sciberras, li attwalment huwa s-Surmast Direttur tal-Cappella Diacono (6).

## Noti u Referenzi:

[1] Kif insibu fil-programm taċ-ċelebrazzjoinjiet li saru mill-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp tar-Rabat tal-Imdina, bejn l-14 u l-20 ta' Marzu 1920, biex jitfakkar il-50 Anniversarju tal-Proklamazzjoni ta' San Ġużepp bħala Patrun tal-Knisja Universali. Dik is-sena Mro Carlo Diacono kien mexxa l-orkestra mużikali fil-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, nhar is-17 ta' Marzu kif ukoll nhar id-19 ta' Marzu, fejn kien mexxa l-orkestra fis-Secondi Vespri.

[2] (A)rkivju (A)rċikonfraternità (S)an (Ġ)użepp – (R)abat, Ms: "Libro Consulte F dal 1916", pp. 74, 75.

[3] Ibid.op.cit., p. 87.

[4] Ibid.op.cit., pp. 101-102.

[5] Casha Anthony, "Tifkira: Patri Anastasju Cuschieri O.Carm., Il-Poeta li kiteb il-versi tal-Innu lil S. Ġużepp", ktieb tal-Festa ta' San Ġużepp, Nru. 10, Marzu 1987, Stamperija Vexillina, Rabat-Malta, pp. 21-28. Micallef Dominic, "Apprezzament: Is-Sur Joseph M. Micallef", ktieb tal-Festa ta' San Ġużepp, Marzu 1992, Stamperija Vexillina, Rabat-Malta, p. 26. Il-mużika oriġinali ta' dan l-innu tinsab ikkonservata fl-Arkivju tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, iffirmata minn Mro Carlo Diacono personalment u ġġib id-data tat-8 ta' Frar 1937.

[6] Tagħrif riċerkat mill-awtur ta' dan l-artiklu.

Nota tal-awtur:

Jixraq li dan il-patrimonju mużikali ta' mużika sagra li jindaqq fil-jiem tal-festi fil-knejjes tagħna jibqa' jindaqq u jiġi apprezzat aktar. Għax dan huwa wirt imprezzabbli li ħallewna missirijietna biex bihom jagħtu aktar solennità u dinjità mistħoqqha liċ-ċelebrazzjonjiet liturġiċi li jiġu ċċelebrati fil-knejjes u jarrekkixxu l-festi reliġjużi tagħna. Tkun ħasra kbira li minħabba xi skuża bla bażi nibdew naqtgħu bi ftit ftit dan il-wirt mużikali mill-knejjes tagħna li jagħmel ġieħ u unur lill-patrimonju reliġjuż u kulturali ta' pajjiżna.

